MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Numru. 1420/2011

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Maria Balzan**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Maria Balzan ta’ 28 sena bint Anthony Balzan u Maria Dolores nee’ Muscat, imwielda Pieta’, data tat-twelid 14 ta’ Jannar 1983 u residenti 105, Natasha, Triq il-Mediterran, San Giljan u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 67183(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

F’dawn il-Gzejjer fl-24 ta’ Dicembru 2011 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta’ filghodu (02:30a.m) f’San Giljan u/jew fil-vicinanzi :

1. Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra PS 1187 Omar Zammit, PC 27 Alan Joseph Zahra u PC 1020 Patrick Magri, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti.

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjat, heddet jew ghamlet offiza fuq il-persuni ta’ PS 1187 Omar Zammit, PC27 Alan Joseph Zahra u PC 1020 Patrick Magri persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li taghmel delitt cioe’ minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja fil-periklu car, ittantat tikkommetti ferita ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ 1187 Omar Zammit, PC 27 Alan Joseph Zahra u PC 1020 Patrick Magri persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku w uriet dan il-hsieb b’atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghha.

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saqet vettura b’Nru. Ta’ Reg.BBT 261, ta’ ghamla Smart, b’manjiera:

a) traskurata (b) perikoluza (c) bla kont.

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet jew kellha l-kontroll ta’ vettura bil-mutur numru ta’ registrazzjoni BBT 261 tal-ghamla Smart waqt li kienet qeghda fi triq jew f’post pubbliku iehor meta ma kinietx f’kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.

6. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li jkunu ghamlu id-dmirijiet taghhom.

Il-Prosekuzzjoni titlob l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghall-perijodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Il-Qorti kienet mitluba li titratta ma l-akkuzata bhala recediva wara li kienet diga nstabet hatja minn Qorti tal-Magistrati Malta (Magt. Dr. A. Vella LL.D.).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta'Jannar 2012 (esebit *a folio* 17 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li saritilha fis-seduta tal-24 ta' Frar 2012 l-imputata ddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonjiet finali prezentata mill-Prosekuzzjoni.

Rat li d-Difiza ma prezentatx in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali taghha entro t-terminu lilha prefiss.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-24 ta' Dicembru 2011 ghall-habta ta' 2.45am l-imputata li kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBT 261 tal-ghamla Smart giet imwaqqfa minn PC27 Alan Joseph Zahra[1] ghaliex kienet ghaddejja kontra l-One Way Sign. Din il-vettura fil-fatt kienet gejja minn Triq Dragonara u daret fi Triq il-Wilga, Paceville, San

[1] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta' Jananr 2012.

Giljan u meta daret fi Triq il-Wilga hija kienet ser itajjar erba' min-nies. Hija giet ghalhekk imwaqqfa minn PC27 li talabha il-particulars taghha u hija rrispondiet li ma kellhiex particulars u giet ghalhekk mitluba tersaq lejn il-genb tat-triq bil-vettura anki ghaliex il-kuntistabbli kellu suspett li hija kienet qed issuq taht l-influwenza tal-alcohol u wara li hija resqet lejn il-genb tat-triq giet infurmata minn PS 1187 Omar Zammit[2] li kien ser isirilha breathaliser test u dak il-hin stess il-Pulizija kkomunikaw mal-Ghassa ta' San Giljan sabiex tigi fuq il-post kuntistabbli mara sabiex jigi effetwat dan il-breathaliser test. Wara ftit tal-hin, madwar tlett minuti minn meta giet imwaqqfa l-imputata, u sakemm kienu qed jistennew lil kuntistabbli mara, l-imputata startjat il-karozza u qabdet u saqet u meta ghamlet hekk kienet ser itajjar lil PC27 u lil PC1020 Patrick Magri [3] li kienu ma genb u quddiem il-vettura taghha rispettivament u hija naqset milli tieqaf nonostante li PS1187 beda' jghajjat sabiex taghmel hekk. PC 1020 irnexxielu jaqbad mal-pilastru tal-bieba tax-xufier tal-vettura tal-imputata u wara li gera madwar mitt metru mal-vettura irnexxielu jdahhal idu mit-tieqa tax-xufier tal-vettura tal-imputata u jwaqqafha. L-imputata giet imbaghad arrestata u mehuda l-Ghassa ta' San Giljan fejn accettat li jsirilha breathaliser test izda l-Prosekuzzjoni tallega li peress li ma bdietx tonfoh ir-rizultat tat-test ma kienx effettiv. L-istess imputata rrilaxxjat stqarrija[4] fejn ammettiet li kienet tiela' kontra l-One Way u qalet ukoll li dakinhar kienet xorbot izda ma kinitx fis-sakra. Hija izda qalet li ma tiftakarx li saqet il-vettura taghha fuq il-Pulizija jew li kienet ser ittajjar xi nies u qalet li ma tiftakarx x'gara ghaliex kellha shock fuqha.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputata tinsab addebitata b'diversi imputazzjonijiet li jinkludu attakk b'rezistenza u offizi fuq il-persuna ta' ufficjal pubbliku, l-attentat li tikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' PS 1187, PC27 u PC1020, li saqet il-vettura bin-numru tar-

[2] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza ta-19 ta' Jananr 2012.
[3] Li xehed waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar 2012
[4] Inserita a fol. 10 tal-process.

registrazzjoni BBT 261 b'manjiera traskurata perikoluza u bla kont, li kienet qed issuq din il-vettura waqt li kienet taht l-influwenza tal-alcohol u finalment li ma obdietx l-ordnijiet legittimi moghtija lilha minn ufficjal pubbliku. Minn ezami tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz, u senjatament mix-xhieda tat-tlett ufficjali tal-Pulizija nvoluti u li saret referenza ghax-xhieda taghhom aktar 'il fuq, tirrizulta pruvata ir-reita' tal-imputata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha salv ghall-hames imputazzjoni. Din l-imsemmija mputazzjoni fil-fatt ma tistghax titqies li tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi ghaliex ma jistghax jinghad b'certezza li r-rizultat tal-breathaliser test kien fin-negattiv peress li l-imputata ma kinitx qed tonfoh sew u dan ghaliex ma ngabux provi li jindikaw dan lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni . L-imputazzjonijiet l-ohra izda jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi ghalkemm it-tieni u t-tielet imputazzjoni ser jitqiesu bhala assorbiti fl-ewwel imputazzjoni.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti mhux ser titratta mal-imputata bhala recidiva stante li mill-kopja informali tas-sentenza nserita a fol. 56 tal-atti processwali ma jirrizultax car ta' liema akkuzi hija kienet instabet hatja u cioe' jekk hija nstabitx hatja tal-akkuzi ta' natura kontravenzjonali biss jew altrimenti anki ta' dawk l-akkuzi fejn hija giet addebitata b'reati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 41(1)(a), 95, 96, 214, 216 u 338(ee) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-ewwel(1), tat-tieni(2), tat-tielet(3), tar-raba'(4) u tas-sitt(6) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u tikkundannaha tmien(8) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta sentejn (2) millum. Il-Qorti inoltre tiskwalifika lill-imputata milli zzomm jew totjeni licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' tlett(3) xhur millum. Il-Qorti tiddikjara lil-imputata mhux hatja tal-hames(5) imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------